KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 51

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 51

It-Tnejn 17 ta' Novembru, 2025

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa Sala Golden Oriole, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:05 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Dott. Desirei Grech – Sindku Birkirkara
Is-Sa. Mariah Meli – Sindku Għargħur
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Is-Sa Maryanne Abela – Kunsilliera Swieqi
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, talab li qabel ma titkompla l-laqgħa tinżamm minuta ta' silenzju b'rispett lejn it-telfa tas-Sinjura Joanne Debono Grech, li kienet serviet Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u kienet tirrappreżenta l-lokalità tagħha fil-laqgħat tar-Reġjun.

Il-President qabel mas-suġġeriment tas-Sur Chetcuti u l-membri qamu bilwieqfa u għamlu minuta ta' silenzju b'turija ta' rispett lejn it-telfa tas-Sa Debono Grech.

## 51.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

51.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittri t'apoloġiji mingħand is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, u mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, sabiex jinfurmaw li ma setgħux ikunu preżenti għal din il-laqgħa minħabba impenji oħra.

51.1.2 Il-membri preżenti approvaw l-ittra t'apoloġija.

## 51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

51.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 50 li nżammet nhar it-Tlieta 28 ta' Ottubru 2025 kienu meħuda bħala moqrija.

51.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, sekondata mis-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo.

## 51.3 Komunikazzjoni mill-President

- ***Aġġornament fuq il-Kuntratt ta' l-iskart***

51.3.1 Il-President informa lill-membri li ma xtaqx jieħu wisq fit-tul fuq dan is-suġġett. Hu qal kif il-ġimgħa ta' qabel ma nżammet din il-laqgħa, kellha tinżamm laqgħa li għaliha kellhom ikunu preżenti s-Segretarju Eżekuttiv u l-Waste Coordinator Manager tar-Reġjun flimkien mas-Sur Mario Fava sabiex jitkomplew il-laqgħat flimkien mal-Kuntrattur tal-Ġbir ta l-iskart. Hu spjega kif il-laqgħa ġiet imħasra peress li s-Sur Zammit ma kienx jista jattendi minħabba impenn ieħor pero hu spjega kif wara nżammu xi telefonati u spjega kif hu ħass li din il-laqgħa kellha tinżamm xorta waħda peress li kienu qed jinkwetawh ċerta affarijiet u ma kienx qed ikun hemm ċaqlieq mill-kuntrattur. Hu spjega kif is-Sur Fava kien informa lis-Sur Chircop li l-Kuntrattur kien qed juri x-xewqa li jiltaqgħu peress li l-affarijiet kienu nkwetanti u għal din ir-raġuni nżammet din il-laqgħa. Hu kompla qal kif wara laqgħa ta' madwar sagħtejn, is-Sur Fava offra sabiex jgħamel abboż ta' dan il-ftehim dejjem b'suġġett għall-approvazzjoni tal-membri waqt il-laqgħa tar-Reġjun u jkun kollox ikkonfermat mill-avukat tar-Reġjun li qiegħed fuq dan il-każ.

51.3.2 ***17:09pm - Il-Kunsilliera ta' Swieqi, is-Sa Maryanna Abela, waslet għal din il-laqgħa.***

51.3.3 Is-Sur Chircop qal kif fil-frattemp, meta hu rċieva dan l-abbożż, hu tkellem ma' l-avukat u l-avukat qal kif l-għażla taqa f'idejn ir-Reġjun pero jekk ikun hemm bżonn li tiġi fformulata bil-miktub, l-avukat ser ikun dispost biex jgħati l-kontribut tiegħu.

51.3.4 Is-Sur Chircop qal ukoll kif minn meta r-Reġjun kien ħa d-deċiżjoni li jinfurmaw lill-kuntrattur bil-multa, li kienet qed tiġi applikata, l-ammont ippreżentata f'dik il-ġurnata kienet ta' madwar €600,000. Hu fakkar kif ir-Reġjun beda jnaqqas 10% minn kull kont ta' kull xahar bħala parti minn din il-multa. Hu qal kif il-multa bdiet titnaqqas mill-pagament ta' Lulju 2024 u kif f'Settembru 2025 l-ammont ser ikun ta' €687,879.00. Dan jinkludi l-ħlas ta' Settembru li ser ikun approvat fl-iskeda ta' ħlasijiet lejn l-aħħar ta' din il-laqgħa.

51.3.5 Is-Sur Chircop qal kif fil-laqgħat ma' l-avukati, il-problemi kienu fuq l-aċċess għad-DVR fejn il-Kameras ma kienux qed jidhru, il-*workplan* u l-weigh bridge fuq kull vettura. Is-Sur Chircop qal kif il-weigh bridge ma baqatx tapplika peress li kull Kunsill Lokali kien qed ikollu l-ġabra li qed tinżamm separatament, ma kienitx qed tingħata daqshekk importanza. Hu kompla jgħid kif id-DVRs kienu importantissimi u kif il-ġimgħa ta' qabel din il-laqgħa l-Kunsilli kienu ġew infurmata fuq titjieb li kien hemm dwar dan. Hu qal kif is-sistema ma kinitx qed taħdem għal kollox tajjeb pero b'mod Ġenerali hu qal kif kien qed jidher li qed taħdem. Hu qal kif għal din ir-raġuni, r-Reġjun staqsa lill-Kunsill rispettivi biex kemm jistà jkun jgħamlu użu minnha u jżommuna aġġornati tad-diffikultajiet li jkun hemm.

51.3.6 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, informa li l-Kunsill tiegħu ma kellu l-ebda aċċess.

51.3.7 Is-Sur Chircop spjega kif il-komunikazzjoni li kien bagħat il-Waste Coordinator Manager lil kull Kunsill Lokali, kien hemm min ta risposta lura. Għal din ir-raġuni hu spjega kif b'xi mod din qed tiġi solvuta.

51.3.8 Is-Sur Chircop qal ukoll kif il-*work plans* huma miġburin kollha ħlief għall-oġġezzjoni li qed issir minn tas-Sliema minħabba t-tibdil tal-ħin. Hu reġa spjega kif din il-laqgħa li għaliha kien attenda hu u kif is-Segretarju Eżekutti u l-Waste Coordinator Manager ma kienux setgħu jattendu għaliha, hu kien xorta waħda mar biex jinstab kompromess. Hu qal kif waqt din il-laqgħa hu semma dwar il-problemi kollha li kien qed ikun hemm b'mod partikolari fil-lokalità ta' tas-Sliema. Hu spjega kif saħanasitra ma kienx qed jibda mal-ħinijiet tal-ġbir.

51.3.9 Is-Sur Pillow qal kif ftit tal-ġranet qabel din il-laqgħa hu kien waqqaf waħda mill-vetturi li l-ġbir kien beda kmieni ħafna u spjega kif ma tawx kasu u baqgħu għaddejjin bil-kollezzjoni.

51.3.10 Is-Sur Chircop qal kif meta nżammet il-laqgħa hu qal kif il-Kuntrattur kien qed qal li qed jgħamel dak kollu li jistgħu u qal kif huma esprimew li qed iħarsu li jabbandunaw il-kuntratt mill-bidu tas-sena. Hu qal kif il-kuntrattur esprima li huma qed jiġu mafusin ħafna, huma lesti li jippruvaw jirranġaw imma dawn l-eluf li mhux qed jaslu għandhom, mhux qed ituhom kuraġġ u ma tagħmilx sens għalihom biex dawn jibqgħu jagħtu dan is-servizz.

51.3.11 Is-Sur Chircop qal kif din iħoss li hija preokkupanti ħafna għax dan mhux kemm taqbad u ssib kuntrattur ieħor u qal kif ir-Reġjun irid joqgħod attent, għax ħażin jew tajjeb, is-servizz qed jingħata. Hu qal kif is-servizz mhux wieħed perfett pero wieħed irid jipprova jasal għal kompromess. Hu qal ukoll kif mill-ġist li hu ħa minn din il-laqgħa kien li huma lesti li jgħamlu mill-aħjar pero huma jridu Rikonoxximent minn naħa tar-Reġjun.

51.3.12 Is-Sur Chircop għamel referenza għall-multi li r-Reġjun kien qed japplika fuq kull kont u qal kif, personalment, l-ewwel sitt xhur tal-multi għandhom jingħataw lura peress li dan kien hemm qbil fuq livel ministerjali li dan il-perjodu r-Reġjuni kellhom jgħatu ċans lill-kuntrattur jaġġustaw ruħhom.

51.3.13 Hu qal kif l-avukat kien ikkonferma li dan l-arranġament ma kien imkien bil-miktub u kif l-avukat kien qal kif dawn iridu jiġu mmultati mill-ewwel ġurnata li kien daħal fis-seħħ dan il-kuntratt. Hu qal kif onestament kien taħt l-impressjoni li fl-ewwel sitt xhur kellu jaċċetta s-sitwazzjoni kif kienet sakemm il-kuntratturi jsibu saqajhom peress li t-tender kienet ingħalqet fi ftit żmien.

51.3.14 Is-Sur Chircop semma li s-Sur Fava kien għamel referenza għall-laqgħa li kienet inżammet fil-bidu nett flimkien mal-Presidenti tar-Reġjuni u mal-kuntratturi li l-ewwel sitt xhur tal-kuntratt ma jistgħux jiġu mposti l-multi u għal dan is-Sur Fava hu lest li jgħati xhieda ta' dak li kien ġie miftihem. Hu spjega wkoll kif għaldaqstant ressaq dokument b'xi punti li jistgħu jiġu kkunsidrati mir-Reġjun waqt din il-laqgħa.

51.3.15 Il-President qara l-abbozz li kien ġie ippreparat lill-Kunsilliera preżenti.

51.3.16 Inżammet diskussjoni fit-tul dwar dan fejn il-President informa wkoll li jekk ir-Reġjun ikun ser jgħamel xi tibdil fuq il-multi li hemm fil-preżent, ir-Reġjun ikollu bżonn jitlob l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex dan isir.

51.3.17 Id-Diskussjoni kompliet bejn il-membri preżenti dwar il-multa u il-President talab jekk ir-Reġjun jistax jipproċedi b'dan l-abbozz li kien għadu kif ġie ppreżentat.

51.3.18 Is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Meli, staqsiet x'kien il-parir li l-avukat kif ta lir-Reġjun dwar dan.

51.3.19 Il-President informa kif ma kienx hemm biżżejjed żmien biex dan jilħaq jaraħ l-avukat tar-Reġjun.

51.3.20 *17:15pm il-Viċi President tar-Reġjun u s-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, wasal għal din il-laqgħa.*

51.3.21 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Deguara, ippropona li l-multa li kienet fuq l-ewwel sitt xhur tal-kuntratt għandha tiġi menħħija u l-kumplament tal-multa ma tintmisx.

51.3.22 Il-Kunsillier tas-Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, issekondat din il-proposta.

51.3.23 Il-President talab lill-membri preżenti sabiex jgħatu l-pożizzjoni tagħhom bħal ma kienet għadha kemm għamlet is-Sa Abela.

51.3.24 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, spjega kif il-Kunsill tiegħu kien qed jitlob li l-ġabra tinżamm fil-11 ta' filgħaxija u kif din qatt ma kienet saret. Hu qal kif dejjem talab kif il-multi kienu qed jinħarġu skond il-lokalità u kif din l-informazzjoni qatt ma kienet mgħotija.

51.3.25 Is-Sur Chircop qal kif il-maġġoranza tal-problemi kienu ġejjin minn tas-Sliema, mod partikolari minħabba l-ħin tal-ġbir li kien qed isir qabel minn dak li kien miftihem. Hu fakkar kif min lista sħieħa ta' diversi nuqqasijiet, il-każijiet kienu fuq hekk.

51.3.26 Id-diskussjoni kompliet bejn il-membri preżenti u għal darb'oħra l-President talab sabiex kulħadd jressaq il-pożizzjoni tiegħu dwar dan. Peress li ma kien hemm l-ebda konklużjoni dwar dan, il-President talab sabiex id-diskussjoni titlkompla fuq l-Aġenda u għal din ir-raġuni mar għal fuq Item 51.6

## 51.6 Preżentazzjoni mill-Maniġers tar-Reġjun dwar proposti ta' Proġetti għas-sena 2026

51.6.1 Hekk kif kien ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti, il-President informa kif għal din il-laqgħa kienu preżenti l-Maniġers tar-Reġjun sabiex iressqu proġetti u ideat li għandhom jiġu nkluża fil-baġit għas-sena 2026. Għal din ir-raġuni, hu stieden lill-Maniġers biex jgħatu l-preżentazzjoni wieħed wieħed.

51.6.2 Għalkemm is-Sur Hamberger ma setax ikun preżenti fiżikament għal din il-laqgħa, ntwera filmat li kien ipprepara hu sabiex il-messaġ bil-proposti tiegħu jaslu xorta waħda f'din il-laqgħa.

51.6.3 Il-President irringrazza lill-Maniġers talli kienu preżenti u tax-xogħol siewi li qed isir minnhom u staqsa lill-membri preżenti jekk kellhomx xi domanda jew suġġeriment li xtaqu jressqu.

51.6.4 Peress li ma kienx hemm domandi x'jiġu mressqa dwar dan, il-President irringrazzja lill-Maniġers preżenti u dawn ġew skużati mill-laqgħa. Il-President reġa kompla d-disskussjoni li kienet qed issir taħt il-komunikazzjoni tiegħu.

## 51.3 Komunikazzjoni mill-President *(kontinwazzjoni)*

51.3.1 Il-President talab lill-membri jgħidu jekk kellhomx fiduċja fih sabiex jipproċedi b'dawn il-laqgħat.

51.3.2 Il-membri preżenti espremew id-deċiżjoni tagħhom dwar dan fejn dawk kollha preżenti kienu qed jaqblu.

51.3.3 Is-Sindku ta' tas-Sliema żied jistaqsi dwar il-proċess involut sabiex il-ġabra ġewwa tas-Sliema tibda fil-11 ta' bil-lejl. Hu qal kif il-laqgħa tal-Kunsill kienet fi ftit ġranet u xtaq li l-ewwel ikun hemm approvazzjoni mir-Reġjun qabel ikun jistà jiftaħ id-diskussjoni.

51.3.4 Il-President qal kif bħal Kunsill tiegħu kien hemm ukoll il-Kunsill Lokali ta' l-Imsida li kienu qed jaħsbu li jaqilbu l-ġbir tal-kollezzjoni filgħaxija wkoll. Għal din ir-raġuni hu nforma lis-Sur Pillow sabiex iressaq talba formali ġaladarba jkun hemm qbil bejn il-Kunsill umbad tkun tistà tinfetah djalogu dwar din it-talba mal-Kunstrattur.

## 51.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

51.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal din il-laqgħa ma kien irċieva l-ebda mistoqsijiet mill-membri.

## 51.5 Rapporti

51.5.1 Il-President informa lill-membri preżenti li għal din il-laqgħa ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi mressaq.

## 51.6 *Tender* - SPD5/2025/024 – *Tender for the Supply and Delivery of a New Electric Library Van for the Eastern Regional Council*

51.6.1 B'referenza għal din is-sejħa, il-President informa kif din is-sejħa kienet ġiet ippublikata fuq is-sistema ta' l-epps wara diversi xhur sabiex din tkun tistà tiġi mtellgħa mid-Dipartiment tal-Kuntratti pero hu qal kif ħadd ma kienx tefa offerta għal din is-sejħa.

51.6.2 Id-DSE żiedet tgħid kif din ser tkun qed terġa tinħareġ bħala sejħa.

## 51.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtiega

- *Kwotazzjonijiet*

51.7.1 Il-President ressaq il-mejda lista ta' kwotazzjoni għal tiżjin tal-milied għall-faċċata ta' l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun – l-orħos kwotazzjoni kienet minghand JurGinny Christmas għall-prezz ta' €1,770.00

51.7.2 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet għall-ikla tal-Milied 2025 mingħand diversi restoranti. Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti kien hemm qbil sabiex din l-ikla tinżamm għand The Chapels, Birkirkara.

- *Kontijiet mal-Bank BOV*

51.7.3 Il-President inform kif bħala Reġjun ġejna notifikati mill-Bank tal-BOV li bħala depożitu ma jistax jibqa jsir *over the counter* mit-22 ta' Novembru 'l quddiem. Għal din ir-raġuni, trid tgħaddi riżoluzzjoni minn din il-laqgħa sabiex ir-Reġjun japplika għal card li tkun ta' depożitu biss.

51.7.4 Din it-talba ġiet approvata mill-membri preżenti.

- *Finding the Frequency - Music Co-Creation for Community Integration*

51.7.5 Il-President informa kif il-Cultural Manager, is-Sur James Hamberger, kien qed iressaq dan il-proġett immexxi mill-Akkademja AISO li juża l-mużika bħala għodda għad-djalogu. Dan il-proġett se jistabbilixxi erba' ċentri kreattivi temporanji fil-binji tal-kunsilli lokali jew swali parrokkjali. Ir-Reġjun intalab jgħaddi din il-proposta tal-proġett lill-Kunsilli Lokali kollha biex jara jekk xi ħadd ikunx interessat li jieħu sehem. Ir-Reġjun intalab ukoll jippromwovi dan il-proġett.

51.7.6 Il-membri preżenti approva dan il-proġett.

- *AI Workshop*

51.7.7 Il-President inform kif wara l-Workshop tal-AI għall-Kunsilli Lokali li sar fit-3 ta' Novembru, il-Kunsill Reġjonali Lvant ikkuntattja lill-Prof Montebello dwar iċ-ċans li jkollna proġett pilota ta' Chatbot għall-Kunsilli Lokali. Irċevejna interess mill-Kunsilli Lokali ta': Pembroke, Sliema, Għargħur, Ta' Xbiex, Pieta, Swieqi, Msida, Birkirkara u San Ġiljan. Madankollu, irċevejna wkoll feedback mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li jiddikjara li huma qegħdin fil-proċess li joħorġu *tender* għad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tal-iskart goff, is-servizzi tat-trasport, is-sistema tal-kura tal-klijenti u app mobbli li se tinkorpora wkoll Chatbot. Hu spjega kif dan kollu ġie ikkomunikat mal-Profs Montebello dwar dan u staqsejnieh jekk hemmx xi mod ieħor kif nistgħu nikkollaboraw.

- *L-Involviment taż-Żgħażagħ Lokalment: Għarfien u Opportunitajiet*

51.7.8 Il-President inform kif flimkien ma' Aġenzija Żgħażagħ, ir-Reġjun se jorganizza dan il-workshop li ser ikun miftuħ għas-Sindki, il-Viċi Sindki, il-Kunsilliera mid-Dipartiment taż-Żgħażagħ, u s-Segretarji Eżekuttivi. Hu qal

kif dan il-workshop se jsir nhar it-Tnejn 24 ta' Novembru mill-5pm sas-6:30pm fl-Aġenzija Żgħażagħ, Triq San Ġużepp, Santa Venera, u ħeġġeġ lill-membri preżenti sabiex ikun preżenti.

- *Movember*

51.7.9 Il-President fakkar lill-membri preżenti fl-avvenimenti marbuta ma *Movember* fejn nhar l-Erbgħa 26 ta' Novembru se jinżamm tournament tal-Boċċi f'Hal Lija u nhar il-Ġimgha 28 ta' Novembru ser tinzamm logħba futbol kontra l-priguniera fil-faċilità korrettiva ta' Kordin. Il-President ħeġġeġ lill-membri sabiex ikunu preżenti.

- *Spejjeż tat-Tribunal*

51.7.10 Il-President informa kif nhar il-Ġimgħa 14 ta' Novembru 2025 dan ir-Reġjun irċieva komunikazzjoni mingħand is-CEO tal-LESA, is-Sur Svetlick Flores, sabiex jinfurmana li l-awditjar għall-ispejjez tat-Tribunal Lokali ta' l-2024 kienu konkluża u fil-jiem li ġejjin ser ikun qed isir il-pagament ta' €80,612.00. Hu informa kif l-uffiċċju qed jivverifikaw l-ammonti mgħotija.

- *Allokazzjoni FInanzjarja għas-sena 2026*

51.7.11 Il-President informa kif ftit tal-minuti qabel din il-laqgħa r-Reġjun kien irċieva komunikazzjoni mingħand id-Direttur, is-Sur Chris Galea, dwar kif ser tkun maqsuma l-allokazzjoni tar-Reġjun għas-sena 2026.

- *Skema Finanzjarja Numru 2 għas-sena 2025*

51.7.12 Il-President informa kif il-Kunsill Lokali tas-Swieqi kien qed iressaq talba sabiex jinżamm avveniment. Hu spjega kif għal dawn il-fondi, il-President ma xtaqx li jarhom jintużaw għall-avvenimenti imma aktar sabiex isiru proġetti fil-Komunità. Għal din ir-raġuni kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jibgħat talba oħra.

51.7.13 Il-President ressaq talba imressqa mill-Kunsill Lokali tal-Pietà sabiex b'dawn il-fondi l-Kunsill jixtieq li jinxtara vann li jintuża mill-Kunsill għall-komunità, b'mod speċjali għall-anzjani. Il-Kunsill ser iħallas dan il-vann mill-fondi tal-Kunsill u tar-Reġjun. Din il-proposta ġiet approvata ġaladarba jkun hemm l-emblema tar-Reġjun kif ukoll ir-Reġjun ikun preżenti għall-inawgurazzjoni ta' dan il-vann.

51.7.14 Il-President semma li l-Kunsill tal-Għargħur kien ippropona għal xi proġett simili bħal tal-Kunsill tal-Pietà fejn jinxtara vann ukoll għall-komunità pero parti mill-fondi ser jittieħdu minn skema finanzjarja oħra maħruga mid-Diviżjoni Lokali.

51.7.15 Is-Sindku ta' Ħal Għargħur, is-Sa Mariah Meli, spjegat kif il-Kunsill ma jistax jgħamel bħal Kunsill tal-Pietà minħabba l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill u permezz ta' dawn iż-żewġ skemi, il-Kunsill ikun jistà jixtri dan il-vann u jeħles mir-renta li għandu ta' kull xahar fil-preżent. Is-Sa Meli offriet ukoll li fl-inawgurazzjoni ta' dan il-vann ikun preżenti l-President u l-emblema tar-Reġjun tkun ukoll fuq il-vann.

51.7.16 Wara diskussjoni fit-tul dwar dan, il-President talab lill-Kunsill Lokali tal-Għargħur sabiex iressaq proposta oħra fejn il-proġett ikun biss bejn ir-Reġjun u l-Kunsill.

51.7.17 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara fejn talbu li jsir restawr fuq it-telephone boxes ta' żmien l-ingliżi li jinsabu mifruxa mal-lokalità.

51.7.18 Il-membri preżenti approvaw din il-proposta bil-kundizzjoni li fuq kull telephone box irid ikun hemm l-emblema tar-Reġjun u deskrizzjoni li tgħid li dan ix-xogħol ta' restawr sar permezz ta' fondi mgħotija mir-Regjun Lvant. Il-Kunsill irid jaċċerta li peress li l-ammont se jkun aktar minn dak mgħoti, id-differenza ma tistax tinħareġ minn skema finanzjarja oħra ħlief mill-fondi tal-Kunsill.

51.7.19 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mill-Kunsill Lokali ta' l-Imsida biex permezz ta' dawn il-fondi jkunu jistgħu jgħamlu *stair lift* fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sabiex ikun aktar aċċessibli.

51.7.20 Din it-talba ġiet milquha u l-Kunsill għandu jara li jkun hemm l-emblema tar-Reġjun kif ukoll deskrizzjoni li dan sar permezz ta' fondi mgħotija mir-Reġjun Lvant.

51.7.21 *19:45pm – telaq is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, minħabba impenji oħra.*

51.7.22 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mill-Kunsill Lokali ta' Pembroke sabiex titranġa bankina mal-promenade, Triq il-Mediterran.

51.7.23 Il-membri preżenti approvaw din it-talba bil-kundizzjoni li jkun hemm tabella li tindika li din saret mill-fondi tar-Reġjun.

51.7.24 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija sabiex jgħamlu proġett ta' restawr u manutenzjoni fuq il-ħitan tas-sejjieħ fi Triq Ħal Mann, Triq Nazzju Cortis u Triq Antonio Azzopardi.

51.7.25 Il-President informa li jekk ma hemmx skema finanzjarja oħra mill MAGF li tinsab miftuħa, din it-talba tistà tiġi approvata.

51.7.26 Is-Sindku ta' San Ġiljan ressaq fuq il-mejda proposta sabiex il-Kunsill juża l-fondi sabiex jirranġa l-latrina pubblika u ssir tinda li tinsab fil-Balluta.

51.7.27 Il-membri preżenti approvaw din il-proposta.

51.7.28 Il-President ressaq fuq il-mejda proposta mill-Kunsill Lokali tal-Gżira sabiex dawn il-fondi jintużaw biex jitranġa l-uffiċċini tal-Kunsill. Huma qalu wkoll li ser titpoġġa plakka fir-reception biex tindika li x-xogħol sar mill-fondi mgħotija mir-Reġjun.

51.7.29 Il-President ressaq fuq il-mejda komunikazzjoni mingħand il-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema sabiex jilħaq jgħaddi l-proposta fil-Kunsill umbad ser iressaqa fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

51.7.30 Il-President fakkar lill-membri sabiex jieħdu ħsieb iressqu l-proposti għal din l-iskema u informa kif deċiżjoni ta' kull proposta ser tkun qed tiġi kkomunikata l-għada ta' din il-laqgħa.

## 51.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

51.09.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

51.09.2 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Gudi Dalli, sekondat mill-Viċi Sindku, is-Sa Yvonne Bartolo, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 48A u 48B.

51.09.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 51.10 Mozzjonijiet

51.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 51.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

51.11.1 Il-laqgħa intemmet fit-19:55 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 17 ta' Diċembru 2025, fil-17:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum l-Erbgħa 17 ta' Diċembru, 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |